TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 155/18/B

Elizabeth u Luke Gatt
vs
Mirage Holdings Ltd

Illum, 11 ta' Marzu, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-16 t' Ottubru 2018 li permezz tieghu l-attrici qed titlob rifuzjoni ta' mija u hmistax il-Euro (€ 115) rapprezentanti prezz ta' *timer* ghal washing machine tal-ghamla Bauknecht li huma xtraw minghand is-socjeta' intimata u li rrizulta li kien difettuz.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata datata 30 t' Ottubru 2018 li permezz taghha eccepiet illi r-rikorrenti kienu nfurmati illi electronic timer ta' washing machine ma jigux accettati lura peress li parts eletronici appena jigu nstallati fl-appliance jista' jsirilhom hsara minn part ohra li tkun diffettuza u ghalhekk cahdu illi huwa ghandhom jhallsu lura s-somma ta' mija u hmistax il-Euro (€115) lir-rikorrenti.

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi t-Tribunal ikkunsidra illi l-kwistjoni tal-kawza odjerna tittrata hsara f'apparat ossija electronic timer ghal washing machine li s-sinjuri Gatt xtraw ghal habta ta' Gunju 2018 minghand is-socjeta' intimata.

Illi r-rikorrenti Elizabeth Gatt xehdet bil-gurament fejn hija spejgat illi hija kellha washing machine li zvilupat xi hsara fit-timer. Illi r-rikorrenti nkarigat lil Frans Mercieca sabiex jaghmel ix-xogholijiet necessarji. Illi r-rikorrenti kkonfermat illi sa fejn taf hi Frans

Mercieca ma kellux kwalifiki biss huwa kellu l-esperjenza. Illi Elizabeth Gatt spjegat lit-Tribunal illi d-difett fil-washing machine kien irrizulta fl-2017 u wara li *technicians* tas-socjeta' intimata kienu ghamlu spezzjoni huma kienu nfurmawha illi l-istess washing machine ma tissewiex. Illi kien ghalhekk illi s-sinjuri Gatt xraw washing machine ohra tal-ghamla Beko u fl-2018 ppruvaw issewwu l-washing machine mertu ta' din il-kawza. Illi r-rikorrenti kkonfermat ukoll illi meta marru sabiex jixtru l-electronic timer huma kienu akkumpanjati minn Frans Mercieca. Illi hija tispjega illi wara li l-eletronic timer gie installat dan ma hadimx. Illi tghid ukoll illi Frans Mercieca ghalhekk reggha installa t-timer l-antik u b'xi mod hadem b'hekk ikkonkludew illi d-difett kien fit-timer il-gdida. Illi r-rikorrenti spjegat lit-Tribunal illi kif hadu l-eletronic timer lis-socjeta' intimata, r-rikorrenti gew infurmati illi s-socjeta' intimata ma kienetx ser taccetta lura l-eletronic timer u ghalhekk ma kienetx ser taccetta li tirrifondi lir-rikorrenti. Illi in kontro ezami r-rikorrenti spjegat illi meta t-technician tas-socjeta' intimata infurmaha illi l-washing machine ma kienetx titranga kien ghalhekk illi tablet l-assistenza tas-Sur Mercieca. Illi x-xhud cahdet kategorikament illi huma gew infurmati illi l-electronic timer kien non-returnable u sahqet illi huma gew hekk infurmati meta marru jirritornaw lura l-part li ma gietx accettata mis-socjeta' intimata.

Xehed bil-gurament Frans Mercieca li kkonferma illi t-timer li nxtara ma hadimx. Illi huwa spjega illi ha anke ritratti tat-timer l-antik (ezebiti bhala Dok 'A' u 'B') sabiex jassigura ruhu illi t-timer gie installat mod korrett. Illi x-xhud spjega lit-Tribunal illi wara li kkonstata illi t-timer ma jahdimx huwa rega' installa l-antik li beda jiffunzjona b'hekk ikkonkluda illi t-timer kien difettuz.

Illi ghas-socjeta' initimata xehed Andrew Camilleri, li kkonferma illi s-sinjuri Gatt xtraw electronic timer WAS3700. Huwa kien il-persuna li kien assista' lir-rikorrenti meta xtraw l-istess timer. Huwa spjega lit-Tribunal illi r-rikorrenti kienu nfurmawh illi huma nkarigaw lill-Frans Mercieca sabiex jaghmel ir-riparazzjoni. Illi x-xhud spjega illi huwa offra lir-rikorrenti sabiex s-socjeta' intimata tibghat t-technician taghha bi hlas ta' € 30 u f'kaz li t-technician jara li t-timer huwa difettuz allura jibdlu waqt li jkun fl-ispezzjoni. Illi x-xhud jghid illi r-rikorrenti nsistew illi s-Sur Mercieca kien kompetenti u jifhem. Huwa xehed ukoll illi avza lir-rikorrenti illi electronics kienu non-returnable li jinkludi t-timer. Illi in kontro ezami x-xhud insista illi kien avza lir-rikorrenti illi t-timer kien non returnable peress li kienet prassi standard tas-socjeta' intimata tant illi huwa sahaq li ma jippermetux lil ebda technician inkluz sub-contractors tal-istess socjeta' sabiex timers jigu ppruvati (salv technicians tal-istess socjeta' intimata).

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal jikkunsidra l-verzjonijiet kontrastanti tal-partijiet. Illi l-kwistjoni li fuqha l-partijiet taw xhieda opposta huwa dwar il-fatt jekk Andrew Camilleri rapprezentant tas-socjeta' intimata infurmax lir-rikorrenti u lis-Sur Mercieca li electronic timer kien non-returnable. Illi x-xhud Andrew Camilleri jishaq illi huwa avza lir-rikorrenti illi l-istess part kienet non returnable filwaqt li r-rikorrenti Elizabeth Gatt tixhed illi hija ma gietx avzata meta kienet qed tixtri l-part izda giet infurmata biss meta rritornat lura l-part. Illi s-socjeta' intimata sahqet illi kull apparat eletroniku huwa non-returnable ma dankollu ma gie prezentat l-ebda dokument bhal xi fattura etc li giet moghtija lir-rikorrenti fejn hemm indikat illi apparti eletroniki kienu '*non-returnable*'.

Illi t-Tribunal ikkunsidra ukoll illi ghalkemm Frans Mercieca, l-persuna nkarigata mir-rikorrenti sabiex jaghmel ix-xogholijiet ma kellux kwalifiki huwa ha l-prekawzjonijiet kollha sabiex jinstalla l-istess timer tant illi ha ritratti tat-timer l-antik u nstalla t-timer 'l-gdid' skont kif kien l-antik.

Illi di piu' t-Tribunal jikkunsidra illi l-istess timer kien effettivament difettuz tant illi immedjatament wara l-installazzjoni dan ma hadimx filwaqt illi kif rega' gie installat t-timer 'l-antik' dan ffunzjona li b'hekk jindika illi l-installazzjoni kienet korretta.

Ghalhekk, it-Tribunal jikkunsidra illi l-verzjoni moghtija mir-rikorrenti hija l-iktar wahda verosimili u b'hekk it-talba taghha ghandha tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba tal-attrici u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lill-attrici s-somma ta' mija hmistax il-Euro (€ 115) b'dana pero s-socjeta' intimata jkollha d-dritt wara l-hlas li terga tigbor l-elctronic timer in kwistjoni.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra s-socjeta' intimata.

Avv. Paul Borg LL.D.
Arbitru